Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/69

7.1.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/69**

**tal-15 ta' Diċembru 2025**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija ("it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006.

(2) Skont l-Artikoli 47 u 76 tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (il-"Kunsill Ministerjali") għandu jadotta miżuri li jieħdu l-forma ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

(3) Matul it-23 laqgħa tiegħu fit-18 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Ministerjali għandu jadotta għadd ta' atti li għandhom effetti legali u li għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-fini tal-atti previsti huwa li jiffaċilitaw l-ilħuq tal-objettivi tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija.

(4) Peress li r-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom jivvutaw dwar l-atti li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Ministerjali, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ministerjali rigward dawk l-atti kif stabbilit fl-addendum għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fit-23 laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (il-"Kunsill Ministerjali") fit-18 ta' Diċembru 2025 għandha tkun li tapprova l-adozzjoni tal-atti kif jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni..

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni tista' taqbel fuq bidliet żgħar fl-atti kif stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni, fid-dawl ta' kummenti kkomunikati mill-partijiet kontraenti għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali jew matulha, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

2. Jekk il-Kunsill Ministerjali ma jkunx f'pożizzjoni li jadotta l-atti kif stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2025, dawk l-atti jistgħu jiġu adottati b'korrispondenza wara t-23 laqgħa tal-Kunsill Ministerjali, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ministerjali, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE tad-29 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija (ĠU L 198, 20.7.2006, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/500/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. AAGAARD

*ANNESS*

**ID-DEĊIŻJONIJIET SKONT L-ARTIKOLU 91(1)(A) TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA LI JISTABBILIXXU L-EŻISTENZA TA' KSUR TA' DAK IT-TRATTAT F'KAŻIJIET SPEĊIFIĊI**

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea hija li jiġu approvati l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Ministerjali skont l-Artikolu 91(1)(a) EnCT, dment li l-Kumitat Konsultattiv tal-Komunità tal-Enerġija jagħti opinjoni minn qabel mill-aktar fis li tappoġġa s-sejbiet tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija, li tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur f'dawn li ġejjin:

(a) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Albanija li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-5/24;

(b) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Ħerzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-6/24;

(c) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Georgia li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-7/24;

(d) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Kosovo* li jikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-8/24;

(e) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Moldova li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-9/24;

(f) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Montenegro li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-10/24;

(g) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Maċedonja ta' Fuq li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-11/24;

(h) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tas-Serbja li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-12/24;

(i) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Ukrajna li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-13/24;

(j) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Ħerzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-14/24;

(k) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Georgia li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-15/24;

(l) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Kosovo* li jikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-16/24;

(m) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Moldova li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-17/24;

(n) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Ħerzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-19/24;

(o) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Maċedonja ta' Fuq li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-21/24;

(p) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tas-Serbja li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-22/24;

(q) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Albanija li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-23/24;

(r) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Ħerzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-24/24;

(s) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Georgia li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-25/24;

(t) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Kosovo* li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-26/24;

(u) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Moldova li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-27/24;

(v) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Montenegro li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-28/24;

(w) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Maċedonja ta' Fuq li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-29/24;

(x) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tas-Serbja li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-2/21;

(y) id-Deċiżjoni 2025/…/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Montenegro li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Każ ECS-15/-21.

**L-Att Proċedurali 2025/XX/MC-EnC dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tal-Enerġija għas-snin 2026-2027 u dwar il-kontribuzzjonijiet mill-Partijiet għall-baġit**

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea hija li jiġi approvat l-abbozz tal-att proċedurali tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tal-Enerġija għas-snin 2026-2027 u dwar il-kontribuzzjonijiet mill-Partijiet għall-baġit f'konformità mal-Addendum 1 ta' dan l-Anness.

**Id-Deċiżjoni D/2025/XX/MC-EnC tal-Kunsill Ministerjali dwar ir-Rilaxx tad-Direttur tas-Segretarjat**

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali hija li jiġi approvat l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali dwar ir-Rilaxx Finanzjarju tad-Direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija f'konformità mal-Addendum 2 ta' dan l-Anness.

**L-Att Proċedurali 2025/PA/XX/MC-EnC dwar l-emenda tal-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni tas-17 ta' Novembru 2006, kif emendat mill-Att Proċedurali 2014/01/MC-EnC, 2022/02/MC-EnC u 2024/06/MC-EnC**

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ministerjali għandha tkun li jiġi approvat l-abbozz ta' Att Proċedurali tal-Kunsill Ministerjali li jemenda l-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar, u l-Ispezzjoni f'konformità mal-Addendum 3 ta' dan l-Anness.

**L-Att Proċedurali 2025/PA/XX/MC-EnC dwar l-adozzjoni tal-organigramma tas-Segretarjat**

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali hija li tapprova l-abbozz tal-att proċedurali tal-Kunsill Ministerjali dwar l-adozzjoni tal-organigramma tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija f'konformità mal-Addendum 4 ta' dan l-Anness.

**Ħatra mill-ġdid tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Arbitraġġ tal-Komunità tal-Enerġija f'konformità mal-Att Proċedurali Nru 01/2011 PHLG-EnC tal-Grupp Permanenti ta' Livell Għoli tal-Komunità tal-Enerġija li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' arbitraġġ fi kwistjonijiet tal-persunal skont l-Artikolu 14 tar-Regolamenti tal-Persunal**

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea hija li tappoġġa u tikkonferma l-ħatra mill-ġdid mill-Kummissjoni Ewropea taż-żewġ uffiċjali tal-Kummissjoni bħala membru permanenti u membru supplenti permanenti tal-Kumitat ta' Arbitraġġ li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea.

*ADDENDUM 1 TAL-ANNESS*

**L-ATT PROĊEDURALI 2025/PA/XX/MC-EnC**

**TAL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA**

**dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tal-Enerġija għas-snin 2026-2027 u dwar il-kontribuzzjonijiet mill-Partijiet għall-baġit**

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-Artikoli 73, 74, 86 u 88 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija dwar il-Baġit tal-Komunità tal-Enerġija għall-perjodu 2026-2027,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 25 tal-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni,

Billi l-Kunsill Ministerjali għandu jadotta baġit biannwali li jkopri l-ispejjeż operazzjonali tal-Komunità tal-Enerġija meħtieġa għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet tiegħu,

Billi kull Parti għandha tikkontribwixxi għall-baġit tal-Komunità tal-Enerġija kif stipulat fl-Anness IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-baġit tal-Komunità tal-Enerġija li jkopri s-snin finanzjarji 2026 u 2027 kif stabbilit fl-Anness A u fl-Anness B huwa b'dan adottat.

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2026, il-kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-Komunità tal-Enerġija mill-Partijiet huma stabbiliti fl-Anness A ta' dan l-Att Proċedurali.

*Artikolu 3*

Dan l-Att Proċedurali huwa indirizzat lill-Partijiet u lill-istituzzjonijiet kollha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija.

*Artikolu 4*

Id-Direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija għandu jagħmel dan l-Att Proċedurali u l-Annessi tiegħu disponibbli għall-Partijiet u għall-istituzzjonijiet kollha skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija fi żmien sebat ijiem mill-adozzjoni tiegħu.

Magħmul fi Vjenna fit-18 ta' Diċembru 2025

Għall-Kunsill Ministerjali

………………………………

Il-Presidenza

*ADDENDUM 2 TAL-ANNESS*

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA**

**dwar ir-Rilaxx tad-direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija mir-responsabbiltà finanzjarja tiegħu**

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra l-Att Proċedurali dwar l-istabbiliment tal-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu,

Wara li eżamina r-rapport dwar l-awditjar tar-rapporti finanzjarji tal-Komunità tal-Enerġija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-awdituri,

B'kont meħud tal-osservazzjonijiet tal-Kumitat tal-Baġit u r-rapport rilevanti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Direttur attwali, is-Sur Artur Lorkowski tas-Segretarjat, huwa rilaxxat mir-responsabbiltà maniġerjali u amministrattiva tiegħu fir-rigward tal-baġit għall-perjodu tal-1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għall-Kunsill Ministerjali

*ADDENDUM 3 TAL-ANNESS*

**L-ATT PROĊEDURALI 2025/PA/XX/MC-EnC**

**TAL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA**

**dwar l-emenda tal-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni tas-17 ta' Novembru 2006, kif emendat mill-Atti Proċedurali 2014/01/MC-EnC, 2022/02/MC-EnC u 2024/06/MC-EnC**

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 83, 86 u 87 tiegħu,

Billi l-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni għandhom jirriflettu r-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

ADOTTA DAN L-ATT PROĊEDURALI:

*Artikolu 1*

**Emendi għall-Proċeduri tal-Komunità tal-Enerġija għall-Istabbiliment u l-Implimentazzjoni tal-Baġit, l-Awditjar u l-Ispezzjoni tas-17 ta' Novembru 2006, kif emendat mill-Atti Proċedurali 2014/01/MC-EnC, 2022/02/MC-EnC u 2024/06/MC-EnC**

(2) Fl-Artikolu 42:

— Fil-paragrafu 2 jiżdied dan li ġej:

"F'każ ta' kriminalità, attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet u lill-korpi speċifikati fil-leġiżlazzjoni applikabbli, b'mod partikolari lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Fil-qafas ta' dan l-artikolu, l-'interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea' tfisser id-dħul, l-infiq u l-assi kollha koperti mill-baġit tal-Komunità tal-Enerġija, akkwistati permezz tiegħu jew dovuti lilu."

— Jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 ġodda li ġejjin:

"3. F'każ li kwalunkwe attur finanzjarju jsir jaf b'fatti li jwasslu għal preżunzjoni ta' kwalunkwe attività illegali, frodi, korruzzjoni jew irregolarità possibbli li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, l-attur finanzjarju għandu jinforma minnufih lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jew, fejn dan jitqies utli, lill-OLAF jew, f'każ ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

4. Meta attività tinstab li tikkostitwixxi irregolarità jew frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jissospendi l-proċedura u jista' jieħu kwalunkwe miżura meħtieġa, inkluż il-kanċellazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' dik l-attività. L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kollha, inkluż, fejn applikabbli, l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), dwar każijiet suspettati ta' frodi jew irregolaritajiet."

(3) Jiżdied l-Artikolu 81bis ġdid li ġej:

"1. L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat minnufih lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni miksuba skont l-Artikolu 42(3) u (4) u lill-UPPE kull meta tali informazzjoni tikkonċerna reati suspettati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-persunal tal-Komunità tal-Enerġija għandu jikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 42(3), b'mod partikolari mal-UPPE u mal-OLAF, u għandu jagħtihom l-informazzjoni rilevanti u, fuq talba, kwalunkwe assistenza meħtieġa biex ikunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat rispettivi tagħhom, inkluż is-setgħa li jwettqu investigazzjonijiet f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([1]) u mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('l-UPPE') (OJEUL 283, 31. 10. 2017, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (OJEUL 248, 18. 9. 2013, p. 1).

3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jipproteġi l-interess finanzjarju tal-Unjoni Ewropea, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jiżgura wkoll li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunità tal-Enerġija tikkoopera bis-sħiħ mal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni bħala parti mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Meta jkun sostanzjat mill-ħtieġa li jiġi protett l-interess finanzjarju tal-Unjoni Ewropea, l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi fl-uffiċċji tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija; dan jinkludi d-dritt ta' aċċess għal spezzjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

5. L-'interessi finanzjarji' tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu mifhuma skont id-definizzjoni fl-Artikolu 42(2)."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan l-Att Proċedurali għandu jidħol fis-seħħ mal-adozzjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Is-Segretarjat għandu jagħmel dan l-Att Proċedurali disponibbli lill-Partjiet u l-istituzzjonijiet kollha skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija fi żmien sebat ijiem mill-adozzjoni tiegħu.

Magħmul fi Vjenna fit-18 ta' Diċembru 2025

Għall-Kunsill Ministerjali

…………………………………

Il-Presidenza

*ADDENDUM 4 TAL-ANNESS*

**L-ATT PROĊEDURALI 2025/PA/XX/MC-EnC**

**TAL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA**

**dwar l-adozzjoni tal-organigamma tas-segretarjat**

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija (it-Trattat), u b'mod partikolari l-Artikoli 67 u 68 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att Proċedurali 2006/02/MC-EnC tas-17 ta' Novembru 2006 dwar l-adozzjoni tar-Regoli għar-Reklutaġġ, il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u l-Ekwilibriju Ġeografiku tal-Persunal tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija, kif emendat mill-Atti Proċedurali 2016/01/MC-EnC tal-14 ta' Ottubru 2016 u 2022/02/MC-EnC tal-15 ta' Diċembru 2022 u 2024/01/MC-EnC tad-19 ta' Frar 2024, b'mod partikolari l-punt III.1 tiegħu,

Il-Kunsill Ministerjali għandu jadotta l-organigramma tas-Segretarjat abbażi ta' proposta tad-Direttur tas-Segretarjat,

Billi l-organigramma attwalment applikabbli tas-Segretarjat ġiet adottata fid-19 ta' Frar 2024 u għandha tiġi aġġornata,

Wara li kkunsidra l-proposta magħmula mid-Direttur tas-Segretarjat,

ADOTTA DAN L-ATT PROĊEDURALI:

*Artikolu Uniku*

L-organigramma tas-Segretarjat annessa ma' dan l-Att Proċedurali hija b'dan adottata u applikabbli mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan l-Att Proċedurali għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Magħmul fi Vjenna fit-18 ta' Diċembru 2025

Għall-Kunsill Ministerjali

…………………

Il-Presidenza